**Minuti tal-hdax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 15 ta' Ottubru 2013, fil-5.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsilliera : | Is-Sur Joseph Bajada u<br>Is-Sinjura Margaret Said |
| | Is-Sinjura Marija Cassar Sultana kienet skuzata. |
| Uffiċċjali<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fil-5.15 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, Is-Sindku qal li l-Minuti tal-laqgha ta' qabel kellhom jigu amendati u billi dan ma sarx il-Kunsill iddecieda illi l-Minuti jigu moqrija u amendati darb'ohra. Id-Deputat Segretarju Ezekkutiv qal li ser jistaqsi lid-Dipartiment jekk dan jistax isir.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku saqsa dwar il-Minuti il-qodma. Is-Segretarju qal li hemm xi minuti li ghadhom irridu jigu approvati.

2. Is-Sindku semma li kien hemm min gibidlu l-attenzjoni dwar xi xoghol li ma sarx sew. Huwa qal li din ghandu x'jaqsam mal bus shelter u hu ha hsib ikellem lill kuntrattur.

3. Il-Kunsillier Joseph Bajada tkellem dwar l-leaflets li intbaghtu fid-djar. Huwa xtaq jiccara li hu ma astjenix izda hareg il-barra. Huwa qal li jixtieq jiccara ukoll li ma ivottax kontra. Il-Kunsill qabel ma dan.

4. Is-Sindku semma wkoll Measure 125 li tahtha kien hemm applikazzjoni ghal-Triq Bardan. Mill-feedback li kellu s-Sindku qal li kien ottomist li l-applikazzjoni tigi milqugha. Il-progett irid ikun lest minn kollox fi zmien 11-il xahar. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa diga qal lill-Perit biex jibda l-process tat-tender halli jekk jintaghzel il-progett, ikun hemm diga l-process mibdi. Il-Kunsillier Bajada saqsa jekk dan il-progett hux funded 100% mill-UE. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill irid johrog 10% tal-Finanzi.

5. Is-Sindku semma it-tender 9/2013 fejn qal li kien hemm erbgha offerti b'wahda tkun b'erba *options*. Dawn kienu Cyberspace Solutions Ltd, Alert Communications Ltd, Klikk (erbgha options) u Harbour Solutions. Huwa qal li il-bord ra l-offerti u hareg rapport. Is-Sindku mexxa ir-rapport lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi mar-rakkommandazzjoni tal-bord.

6. Dwar it-tender tal-cameras (CCTV) il-Perit ghandu jaghmel ir-rapport. Infethu il-quotations ghal-provision tal-open ships. Kien hemm hames offerti u il-Kunsill ghazel l-irhas offerta to Peter Paul Said li kienet €49.95.

7. Is-Sindku semma li l-isponsor minghand il-MGOZ wasal u dan kien ta €1000.

F'dan il-hin il-laqgha giet sospiza ghaliex gew xi rapprezentanti ta Sannat Lions FC u Ghaqda tal-Armar. Il-hin kien 5.55 p.m. Il-laqgha regghet bdiet fil-6.10 p.m.

8. Is-Sindku semma li l-ahhar li kien inzabar il-playing field kien sar min-nahha tal-Kuntrattur. Ix-xoghol ma sarx sew, minkejja li dan ghandu l-esperjenza. Dan ma mexiex serju u il-Kunsill m'ghandux jaghti izjed xoghol lil dan il-kuntrattur.

9. Dwar il-*fence* is-Sindku qal li it-tender kienet harget bhala *fence* tal-*chainlink*. Huwa qal li jista jkun il-kaz li il-fence isir tal-hadid. Huwa xtaq jara jekk jistax jaghmel dan ghaliex jekk jista ghandha issir sew mal-ewwel.

   Il-Kunsill ideccieda li ghandna inkellmu lill-Perit biex jaghmel quotation ta kemm ser jigi fence tal-hadid.

Il-laqgha giet sospiza ghaliex gie is-Sur Lawrence Borg. Il-hin kien 6.25 p.m. Il-laqgha regghet bdiet 6.35p.m.

10. Is-Sinkdu qal li ghandna naraw insibux contract manager li jiehu hsieb il-gonna tal-lokalita. Is-Sindku qal li jekk hemm xi sigar neqsin fil-Gnien tal-Bidwi nistghu nixtru aktar ghaliex ghad hemm flus fil-budget. Il-Kunsill qabel li dan ghandu isir.

11. Is-Sindku qal li kien hemm xi kommunikazzjoni ma' Montefiascone l-Italja u jekk naslu ghal dan il-gemellag ikun ta siwi ghal lokalita ta' Ta' Sannat. Is-Sindku qal li nistghu naghmlu visits ta' hbiberija ma dan ir-rahal. Is-Sindku qal li jixtieq li z-zjara issir bejn l-1 ta' Novembru u t-3 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li ghandhom jitilghu s-Sindku, il-Vici Sindku, d-Deputat Segretarju Ezekuttiv u l-Assistant Principal.

12. Is-Sindku semma li kull sena il-Kunsill jipprova jaghti l-importanza ghal ghan tat-tfal fil-Jum Dinji tat-Tfal. F'din l-okkazzjoni jingabru ukoll xi flus ghal-Community Chest Fund. Ikun hemm attivitajiet u loghob ghat-tfal. Il-Kunsill qabel li ghandna nimxu bhas-snin ta qabel.

13. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ghal-festi tal-Milied ghandha johorgu il-quotations ghal Sannat Road u il-Pjazza ghat-tizjin. Din ghandha tkun mixghula mit-8 ta' Dicembru sas-6 ta' Jannar. Il-Kunsilliera is-Sinjura Margaret Said qalet li dan ghandu jintrama minn Novembru, isiru ukoll l-attivitajiet tal-Milied, u jitqassmu il-gallettini tal-Milied lill-anzjani. Il-Kunsill qabel li dan isir.

    Il-kunsilliera Margaret Said semmet ukoll li tista tigi organizzata dawra f'Malta ghar-residenti. Il-Vici Sindku issuggeriet li mmorru l-Malta Aquarium. Il-Kunsill qabel li ghandhom jingabru il-prezzijiet.

14. Is-Sindku semma li l-ghamara gdida ghal-ufficcju ser jibda jiġi offrut is-servizz tas-Social Security. Ghalhekk ghanda nixtru ghamara, printer u naraw x'hemm bzonn. Il-printer ghanha tigi leased. Internet jidher li ma hemmx connection. Hemm bzonn li tintbaghat ittra lir-residenti u lill-irhula tal-vicinanzi.

**Korrespondenza**

1. Memo 23/2013 mid-DLG: LEAP – Building the future together promoting Social Mobility. Il-kunsill innota il-kontenut.

**Ilmenti**

1. Il-fanali fi Triq 28 ta'April 1688 dejjem mitfija u qed jigu rrangati ghal xejn. Hemm bzonn li din l-problema tigi rrangata darba ghal dejjem. Il-Kunsill qabel li ghandu jitaqqbad engineer iehor li jaghti l-opinjoni tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandna nghidu lill-Ing. Christian Zammit.

2. Is-Sinjura Coronata Spiteri li toqghod 39 Triq Ta' Cenc, Sannat qed titlob li l-bankini fl istess triq jigu rrangati ghax huma perikoluzi biex timxi fuqhom. Il-Kunsill ideccida li ghandha tigi ikkuntatjata ir-residenta biex tispecifika x'hemm bzonn ezatt.

3. Is-Sur David Ellul li joqghod 24, Capricorn, Triq il-Kahwiela, St. Lucia , Malta u li ghandu flat f'Palma Court fi Triq il-Pinnur qed jitlob li ssir xi haga peress li bl-ilma tax-xita qed tinzamm ghadira kbira taht il-bankina quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill innota l-ilment.

4. Is-Sur Larence Fava li joqghod 'Marton', Triq ix-Xabbata, Sannat qed jitlob li titnehha id-disabled parking box li hemm fi Triq hdejn id-dar tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu infurmati it-Transport Malta u nibghatu lis-Sur Tonna tal-IPSL.

5. Il-Vici Sinkdu resqet ilment minn residenti fi Triq it-Tempju tal-Imramma li din it-Triq hi fi stat hazing. Is-Sindku qal li it-triq ser titkompla ghada.

6. Il-Vici Sindku staqsiet dwar il-pagamenti pendent. Is-Sindku qal li l-ewwel irridu naraw x'inhi is-sitwazzjoni finanzjarja u imbaghad nibdew inhallsu. Izda mhux suppost hemm problemi.

7. Il-Kunsilliera is-Sinjura Margaret Said qalet li kien hemm x'ilmenti dwar xi passagg li nghalaq fi Triq il-Kbira u li jiftah f' Tax-Xamgħan. Il-Kunsill qabel li ghandna nikkuntatjaw lill-Perit biex naraw jekk il-passagg huwiex passagg privat jew pubbliku.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fil-7.45 p.m. Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss issir l-Erbgha 13 ta' Novembru 2013 fis-5.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Mark Formosa**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**